# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 275/15 FDP**

**M. Demajo (Timbers) Ltd**
**(C 750)**

**vs**

**Copacabana Investments Limited**
**(C 55502)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Settembru 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef, sebgha mija u hamsa u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€4,725.24) rapprezentanti prezz ta' merkanzija, ossija injam, mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta izda mhuz imhallsa.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatrju ippresentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, l-Ghassa tal-Pulizija, Msida u fl-indirizz tas-socjeta intimata 30/9, Cresta Flats, Mradd Street, Ta' Xbiex (fol 10 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat 22 ta' Dicembru 2015 (fol 9) u fil-gazzetta The Times of Malta tas-7 ta' Jannar 2016 (fol 12)

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2016 l-atturipprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 15).

Rat illi fis-seduta ta' llum, is-socjeta konvenuta u rappresentant taghha gew imsejjha diversi drabi izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, sebgha mija u hamsa u ghoxrin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€4,725.24) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja - Deputat Registratur**